# MINUTI

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 36**

24 ta' Awwissu 2017

Il-Kunsill Lokali Floriana Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 15 Pjazza Emanuel S Tonna, il-Furjana, fis-2:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH ) | Sindku |
| Is-Sur Vince Borg | ( VB ) | V/Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Grech Sant | (AGS) | Kunsillier |

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

M' Lourdes Lautier — Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku Davina Sammut Hili presediet il-laqgħa.

**36.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI;**

36.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**36.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

36.2.1. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tal-ħamsa u tletin (35) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

36.2.2. Il-Kunsillier JAE ressaq korrezzjoni ta' materja nru 35.2.2 li għandha taqra "il-Ministru Farrugia".

36.2.2.1. Il-Viċi Sindku VB ressaq mozzjoni issekondata mill-Kunsillier JAE favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija inkluż il-korrezzjoni t'hawn fuq. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 5 (VB, JAE, AGS, AD, DSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

**36.3 KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

36.3.1. Ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni.

**36.4 RAPPORTI**

36.4.1 Ma kien hemm l-ebda rapport.

**36.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI**

36.5.1. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għal inċident li seħħ fil-Park n' Ride u għamel riferenza għan-nuqqas ta' sigurtà li hemm. Huwa qal li kien hemm bżonn li l-Kunsill jiġbed l-attenzjoni tal-awtoritajiet li jekk mhux se jkun hemm biżżejjed sigurtà dan kien ifisser li ser jiżdied l-influss ta' vetturi fuq il-lokalita' u għalhekk kien hemm bżonn li tittieħed azzjoni. Is-Sindku DSH qalet li kienet ser titlob laqgħa mal-Ministru Ian Borg sabiex jiġu diskuss dan u xi punti oħrajn li jaqgħu taħt ir-responsabbilta' tiegħu.

36.5.2. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-vetturi li jipparkjaw fit-trejqiet u li qed joħolqu inkonvenjent kif ukoll jikkawżaw ħsara fuq l-ispralli u l-bankini. Huwa qal li kien wasal iż-żmien li l-Kunsill jieħu deċiżjoni dwar din is-sitwazzjoni.

36.5.2.1. Is-Sindku DSH qalet li kienu r-residenti innifishom li ma xtaqux li jitwaħħlu bollards f'dawn it-trejqiet.

36.5.2.2. Il-Viċi Sindku VB u l-Kunsillier AGS qalu li l-aħjar soluzzjoni tkun li ma jitħallewx jipparkjaw vetturi f'dawn it-trejqiet u dan sabiex jiġu evitati problemi.

36.5.2.3. Il-Kunsillier JAE qal li dawn il-vetturi qed joħolqu problemi anke f'każ li jkun hemm bżonn li tissejjaħ ambulanza.

36.5.2.4. Is-Sindku DSH proponiet li l-Kunsill jitlob laqgħa ta' konsultazzjoni mar-residenti ta' dawn it-trejqiet sabiex tiġi diskussa din is-sitwazzjoni. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa għandha tinżamm nhar is-27 ta' Settembru 2017 fil-5.30pm u li għandha tintbagħat ċirkolari sabiex tinforma lir-residenti ta' dawn it-trejqiet dwar dan.

36.5.3. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk il-Kunsill jistax jagħmel programm ieħor ta' pigeon trapping. Is-SE wieġbet li minħabba r-restrizzjonijiet finanzjarji, il-programm li jmiss għandu jsir lejn Diċembru.

36.5.4. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-ispralli ta' ma' ġenb l-Istitut Kattoliku li ta' sikwit ikunu maqlugħin u staqsa jekk jistax isir xi ħaġa dwar dan. Is-Sindku DSH qalet li ġeneralment il-problema tinħoloq wara li jkun ġie organizzat xi kunċert fuq il-Fosos. Is-SE qalet li l-Kunsill kien iddeċieda li mill-aħħar ta' Settembru jibda' jitlob garanzija finanzjarja lill-organizzaturi li tkun tkopri tali problemi.

**36.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTOKUMITATI;**

36.6.1. Ma kienx hemm rapporti.

**36.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI**

36.7.1. Is-Sindku DSH ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 30/07 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

36.7.1.1. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għas-subsistance allowance li ser tingħata lid-delegazzjoni għaż-żjara f'Macerata. Hija qalet li l-flus li ma jintefqux minnhom għandhom jiġu rifonduti lura lill-Kunsill.

36.7.1.2. Il-Viċi Sindku VB staqsa jekk il-membri hux ser jiġu koperti bi travel insurance. Is-SE wieġbet li għandha tiċċekkja dwar dan u tinformahom.

36.7.1.3. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku VB u ssekondata mill-Kunsillier AD, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti imsemmija u l-proposti t'hawn fuq, bir-riżultat ikun favur nem con.

**36.8 MOZZJONIJIET;**

36.8.1. Ma kien hemm l-ebda mozzjonijiet.

**36.9 OFFERTI PUBBLIĊI;**

36.9.1. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-offerta' tat-tindif tat-toroq u qalet li l-Bord tal-Aġġudikazzjoni kien għadda r-rakkomandazzjoni tiegħu sabiex it-tender jiġi allokat lill-offerent nru 74901 li huwa l-orħos offerent fost l-offerenti li laħqu l-kriterji neċessarji. Il-Kunsill approva li jilqa' l-offerta' tal-offerent nru 74901. .

36.9.2. Is-SE informat lill-Kunsill li l-offerta' għal photocopier kienet għadha qed tiġi aġġudikata peress li xi membri kienu msiefrin.

36.9.3. Is-SE informat lill-Kunsill li kien hemm bżonn li jinbidlu wħud mit-tabelli tal-perspex tal-Floriana Heritage Trail. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob kwotazzjonijiet u jassigura li t-tabelli jkunu UV protected u jifilħu għall-elementi sabiex ma jerġgħux jintgħarqu.

36.9.4. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li l-Bord tal-Governanza kien ippreżenta d-deċiżjoni finali tiegħu rigward il-każ tal-gabbana taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V. Hija qalet li s-sentenza kienet tgħid li l-Kunsill kien mexa bl-aħjar mod possibbli fid-deċiżjoni li ħa. Is-Sindku żiedet tgħid li għalhekk issa l-Kunsill kien talab lis-Sur Chris Brincat sabiex joħroġ il-proprjetà tiegħu mil-gabbana. Is-Sindku qalet ukoll li l-Kunsill kien ikkuntattja lill-offerent li ħa t-tender li min-naħa tiegħu kien informa li ma kienx għadu interessat li jieħu dan it-tender. Għalhekk is-Sindku DSH ipproponiet li l-Kunsill jiltaqa' mal-offerent u jiddiskuti r-raġunijiet għalfejn kien qed jirrifjuta t-tender. Il-Kunsill qabel u qabel ukoll li għandu jieħu parir legali.

36.9.5. Is-SE informat lill-Kunsill li kienu intalbu kwotazzjonijiet għal cat cafés tal-plastik. Is-Sindku DSH ipproponiet li l-Kunsill jitkellem mal-Kunsill Lokali Ħal-Qormi sabiex jara min kien provdilhom cat cafés tal-injam.

36.9.6. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għaċ-ċirkolari relatata ma' Mobility Week u qalet li TM kienu approvaw li titwaħħal bicycle rack quddiem id-Dar tal-Kunsill. Hija qalet li kien ġie suġġerit ukoll li titwaħħal waħda fil-viċinanzi tal-Fosos. Is-Sindku qalet li kienu ntalbu kwotazzjonijiet bl-irħas waħda tkun €83 inkluż VAT. Il-Kunsill qabel li ċ-ċirkolari għandha tiġi iċċirkolata lill-kunsillieri permezz ta' email sabiex tkun tista' tittieħed deċiżjoni u tkun tista' tiġi sottomessa l-applikazzjoni.

## 36.10 KORRISPONDENZA

### 36.10.1. KORRISPONDENZA MINGħAND L-ONOR. SEGRETARJU PARLAMENTARI SILVIO PARNIS

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand l-Onor. Segretarju Parlamentari Silvio Parnis fejn irringrazzja lill-Kunsill tal-impenn tiegħu. Huwa kompla billi issuġġerixxa li l-Kunsill jinformah bi proġetti li jkun ser jagħmel sabiex ikun jista' joffri l-għajnuna tiegħu lill-Kunsill.

### 36.10.2. KORRISPONDENZA MINGħAND IS-SUR RAYMOND CARUANA

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand is-Sur Raymond Caruana li ressaq l-ilment tiegħu dwar sewqan eċċessiv fl-inħawi tat-Telgħa tal-Kurċifiss u talab li tittieħed azzjoni sabiex jiġu evitati inċidenti tas-sewqan li jafu jkunu fatali. Is-Sindku qalet li din il-korrispondenza kienet ġiet mgħoddija lil TM li hija l-entita' responsabbli għat-traffiku.

### 36.10.3. TALBA GħAL PARKEĠĠ GħAL PERSUNI B'DIŻABBILTA' – TRIQ JOHN LOPEZ

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand l-Equal Opportunities Compliance Unit fejn talbu li jsir spazju ta' parkeġġ għal persuni b'diżabbiltà fl inħawi tal-BOV / Triq John Lopez. Il-Kunsill qabel li għandu japplika sabiex ikun jista' jsir spazju kif mitlub fi Triq John Lopez in-naħa tal-BOV fejn hemm il-masġar.

### 36.10.4. TALBA GħAL PARKEĠĠ GħAL PERSUNI B'DIŻABBILTA' – MAĠENB IL-HEALTH CENTRE

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand is-Sra Carmen Elizabeth Abela fejn ressqet ittra ta' ilment lill-Kunsill u talba biex jiżdied spazju ta' parkeġġ għal persuni b'diżabbiltà ma' ġenb il-

Floriana Health Centre. Il-Viċi Sindku VB qal li diġà kien hemm żewġ spazji tat-tip u għalhekk il-Kunsill ma qabilx li għandu jilqa' din it-talba.

36.10.5. **Korrispondenza mingħand il-Floriana Ajax**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-Floriana Ajax fejn irringrazzjaw lill-Kunsill talli laqa' l-proposta li flimkien magħhom jorganizza l-Presentation Night li ser tinżamm nhar is-26 t'Awwissu 2017 fi Ġnien Sir Luigi Preziosi. Il-Kunsill qabel li għandu jipparteċipa f'din l-attività bil-kundizzjoni li l-ispiża ma teċċedix l-€450. Il-Kunsill qabel ukoll li l-posters għall-attività għandhom isiru mill-Floriana Ajax.

36.10.6. **Talba għal permess għal attività – Pjazza FX Fenech**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand is-Sra Natasha Farrugia Bason fejn informat lill-Kunsill li kienet ser tinżamm attività fi Pjazza FX Fenech u talbet il-permess tal-Kunsill sabiex tingħalaq iż-żona quddiem il-Kunvent tal-Kapuċċini. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni bil-kundizzjoni li jinġiebu l-permessi neċessarji mill-entitajiet responsabbli kif ukoll bil-kundizzjoni li ż-żona tinżamm nadifa u li tkun sbarazzata sa kmieni filgħodu.

36.10.7. **Riċeviment organizzat mill-Partit Nazzjonalista**

Is-Sindku DSH ressqet talba mill-Partit Nazzjonalista sabiex jiġi organizzat riċeviment fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni bil-kundizzjoni li l-ġnien jibqa' aċċessibbli għall-pubbliku kif ukoll li jinġiebu biżżejjed *mobile toilets* u li ż-żona tinżamm nadifa wara l-attività.

36.10.8. **Sky Line Webcams**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand is-Sur Louis Pace – Sales & Projects Malta f'isem Skyline webcams fejn offrew is-servizz ta' *skyline webcams* għall-prezz ta' €500. Il-Kunsill qabel li għandu jikkomunika mas-Sur Pace u jitlob laqgħa miegħu sabiex jiġu diskussi l-possibiltajiet. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel fil-prinċipju li ż-żona rakkomandata għall-installazzjoni ta' din il-*webcam* għandha tkun iż-żona tal-Fosos.

36.10.9. **Ilment dwar is-subways**

Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill b'ittra li dehret fuq it-Times of Malta rigward is-sitwazzjoni tas-subways. Is-Sindku DSH fakkret li fit-18 t'Awwissu 2017, il-Kunsill kien ġibed l-attenzjoni ta' TM li s-subway kienet tinsab bla dawl u min-naħa tagħhom huma kienu nformaw li l-ilment kien intbagħat lill-entita' responsabbli. Għalhekk informat li għandha tirrispondi b'kumment lil din l-ittra.

36.10.10. **Suġġeriment għal pedestrian access mill-Valletta Waterfront**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand is-Sur Andrew Bezzina fejn ippropona li jkun hemm aċċess għall-Floriana permezz ta' lift mill-Valletta Waterfront. Il-Kunsillier AGS ġibed l-attenzjoni li kien hemm lift fl-MCP li seta' jintuża biex jiffaċilita l-aċċess għal-lokalita'. Il-Kunsill qabel li għalkemm l-idea tas-Sur Bezzina kienet tajba, għandu jirringrazzjah tas-suġġeriment iżda l-Kunsill ma kellux il-budget finanzjarju sabiex jagħmel proġett simili.

36.10.11. **Talba mingħand Castille Resources**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand Castille Resources fejn ressqu xi proposti fosthom li jkun hemm iktar tindif ta' Pjazza Robert Samut kif ukoll li jitwaħħlu tabelli/sinjali ta' direzzjoni fi Triq Sant'Anna lejn Castille Resources. Huma qalu wkoll li kienu lesti joffru s-somma ta' €200 fis-sena bħala kontribut għal dawn il-proposti. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li għandu jsir tindif iktar frekwenti taż-żona iżda ma jaqbilx li għandhom jitwaħħlu bollards. Fil-każ ta' sinjali/tabelli ta' direzzjoni, il-Kunsill qabel li għandu jinformah li tali riklami/tabelli kienu stabbiliti b'by-law u għalhekk għandhom jitħallsu bir-rati stabbiliti.

36.10.12. **Xogħol fi Triq John Lopez**

Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-parti ta' Triq John Lopez c/w Triq Sant'Anna li ma kienitx saret. Għalhekk hi pproponiet li l-Kunsill ikellem lill-Perit sabiex jara x'jista' jsir mingħajr ma jinqalgħu is-servizzi. Il-Kunsill qabel.

36.10.13. **Car Free Day**

Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-European Mobility Week fejn qalet li kienet iċċekkjat jekk hux ser tkun organizzata Car Free Day fi Triq Sant'Anna. Hija qalet li TM kienu nformaw li din ma kienitx ser tinżamm min-naħa tagħhom iżda ma kellhomx oġġezzjoni jekk il-Kunsill xtaq jorganizzaha hu. Il-Kunsill ma qabilx li għandu jorganizza Car Free Day minħabba li jħoss li l-għeluq ta' Triq Sant'Anna jnaqqas it-traffiku fi Triq Sant'Anna iżda joħloq konġestjoni f'toroq oħra a detriment tar-residenti.

36.10.14. **Inizjattiva – Restawr ta' Postijiet Pubbliċi**

Is-Sindku DSH informat bl-inizjattiva għal restawr ta' postijiet pubbliċi u qalet li l-Kunsill għandu ċans sal-25 ta' Settembru 2017 sabiex jipproponi l-ideat tiegħu. Il-Kunsill qabel li għandu jikkomunika magħhom u jikkonferma jekk il-lokalita' taqax taħt din l-inizjattiva qabel ma jkun jista' jressaq il-proposti tiegħu.

36.10.15. **Pink October**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand Carmen Elizabeth Abela fejn informat bl-inizjattiva għal Pink October u pproponew li l-Kunsill jikkunsidra li jixgħel monument fil-lokalita' bid-dawl roża. Il-Kunsillier JAE issuġġerixxa li jinxtegħel il-monument tal-gwerra. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

**36.11** **Rampa fi Triq il-Fosos**

36.11.1. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għal rampa li hemm fi Triq il-Fosos li ta' sikwit qed tkun imblokkata b'vetturi li jipparkjaw quddiemha. Hija issuġġeriet li jinżebgħu linji sofor sabiex ma jipparkjawx iktar vetturi. Il-Kunsillier AD ippropona li l-linji sofor għandhom ikunu biss quddiem il-bieb sabiex ma jintilifx spazju ta' parkeġġ. Il-Kunsill qabel mal-proposta u qabel li jagħmel linji sofor bi dritt il-bieb biss.

**36.12** **Ġenna ta' Ġonna**

36.12.1. Is-Sindku DSH qalet li xi wħud mill-għaqdiet tal-lokal kienu ressqu xi suġġerimenti għall-attività ta' Ġenna ta' Ġonna. Il-Kunsill qabel li dawn is-suġġerimenti għandhom jiġu diskussi f'laqgħa oħra li ser tinżamm nhar it-Tnejn 11 ta' Settembru 2017 fil-5.30pm.

36.12.2. Il-Kunsillier JAE ressaq proposta sabiex il-Kunsill jitlob l-għajnuna tal-kumpanija Playmobil biex joffru xi pupi li jkunu jistgħu jitpoġġew quddiem monumenti u użati għal reklamar tal-attività. Huwa ppropona wkoll li l-Kunsill joffri lill-kumpanija sabiex dakinhar tal-attività tkun tista' tbiegħ il-prodotti tagħha bħala kumpens u ppropona wkoll li persentaġġ mill-qliegħ imur għall-kampanja karitatevoli Qalb Furjaniża, Qalb Ħanina. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

36.12.3. Il-Kunsillier JAE qal ukoll li kien ġie avviċinat mill-Għaqda tal-Malti li esprimew ix-xewqa li jipparteċipaw f'din l-attività u talbu permess sabiex jagħmlu stand kif ukoll jorganizzaw tour. Il-Kunsill qabel u qabel li għandu jalloka siegħa mill-ferrovija għat-tour organizzat minnhom.

**Nota: 15:14 Il-Viċi Sindku VB talab li jkun skużat.**

36.12.4. Il-Kunsillier JAE qal ukoll li kien ser ikellem lil Sons of Archery kif ukoll lil Malta Fencing Club sabiex jipparteċipaw fl-attività.

36.12.5. Il-Kunsillier JAE qal li kien qed javviċina lis-soċjetajiet tal-fotografija u ssuġġerixxa li l-membri jieħdu ritratti tal-lokalita' fejn l-aqwa ritratti jingħataw premju dakinhar ta' Jum il-Floriana. Is-SE MLL issuġġeriet li jkun hemm kategoriji għall-kompetizzjoni iżda il-Kunsillier AD qal li jkun diffiċli li tifred arkitettura mil-ġonna minħabba li l-lokalita' għandha ħafna arkitettura li tmiss mal-ġonna. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jippremja lill-aħjar tliet ritratti fi kwalunkwe kategorija. Il-Kunsill qabel ukoll li l-kompetizzjoni għandha tkun miftuħa wkoll għall-pubbliku in ġenerali u li jkun hemm esebizzjoni ta' dawn ir-ritratti dakinhar tal-attività.

**Nota: 15:18 Il-Viċi Sindku VB reġa' attenda għal-laqgħa.**

36.12.6. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għal "ġnien fi Triq il-Miratur" li kien diġà ġie organizzat fl-edizzjoni li għaddiet u qal li kien qed jipproponi li l-Kunsill jestendih għan-naħa l-oħra wkoll. Il-Kunsill qabel u qabel li għandu jikkomunika mal-ELC sabiex jipprovdu xi pjanti biex jintużaw f'dawn il-"ġonna".

36.12.7. Il-Kunsillier JAE informa lill-Kunsill li l-filmat għall-attività kien ser ikun lest lejn l-aħħar ta' Settembru u dan kien ser jintuża għar-reklamar tal-attività kollha.

36.12.8. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għal-logo bil-Latin tal-lokalita' u ppropona li l-Kunsill isib lil xi ħadd li jista' jpinġi t-tifsira ta' dan il-logo. Il-Kunsillier AD offra li jieħu ħsieb ipinġi dan il-logo hu.

36.12.9. Il-Kunsillier JAE informa wkoll li kien tkellem ma' Luca Cauchi sabiex jibda' jaħdem fuq il-poster tal-attività.

**36.13 BANK FI TRIQ VINCENZO DIMECH**

36.13.1. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li xi residenti li joqgħodu fiż-żona ta' Balzunetta kienu talbu li jitwaħħal bank ieħor fi Triq Vincenzo Dimech maġenb il-Floriana Nursery. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

**Nota: 15:23 Il-Kunsillier JAE talab li jkun skużat.**

**36.14 STEDINA MILL-COMUNE DI MACERATA**

36.14.1. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li d-delegazzjoni għal Macerata kienet ser titlaq nhar it-Tlieta 29 ta' Awwissu 2017 u tiġi lura fl-1 ta' Settembru 2017.

36.14.2. Is-Sindku DSH qalet ukoll li l-pittura li kienet ser tingħata rigal lil Comune di Macerata kienet lesta u kienet kuntenta ħafna biha. Hija żiedet tgħid ukoll li kienu ser jingħataw sett ta' kotba relatati mal-Floriana lill-pajjiżi l-oħra ġemellati ma' Macerata. Il-Viċi Sindku VB ippropona li jingħataw ukoll lapel badge tal-lokalita'. Il-Kunsill qabel.

**Nota: 15:26 Il-Kunsillier JAE reġa' attenda għal-laqgħa.**

**36.15 CLEAN UP DAY**

36.15.1. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-Clean Up Day u qalet li din l-attività ser tinżamm nhar is-Sibt 7 t'Ottubru 2017. Hija qalet ukoll li kienet ser tintbagħat ċirkolari lir-residenti dwar din l-attività.

**36.16 PARKEĠĠ U TRAFFIKU**

36.16.1. Il-Viċi Sindku VB informa lill-Kunsill li kienet ser tinħoloq sistema ta' traffiku ġdida fit-toroq ta' John Lopez, Vilhena u l-Isqof Mauro Caruana fejn il-karozzi li ġejjin minn Triq Sant'Anna. Huwa żied jgħid li minħabba din il-bidla fid-direzzjoni tat-traffiku ser ikun hemm bżonn bidla fit-tabelli u s-sinjali tat-traffiku.

36.16.2. Il-Kunsillier JAE qal li hemm bżonn li tiġi rinfriskata ż-żebgħa tal-ispazji ta' parkeġġ fi Pjazza Sir Luigi Preziosi. Il-Viċi Sindku VB qal li dawn kienu qed isiru biċċa biċċa b'mod regolari.

**36.17 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS.**

36.17.1. Il-laqgħa intemmet fl-3.50pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 25 ta' Settembru 2017 fis-2.00pm.

**Konfermati, illum** Il-Tnejn 25 ta' Settembru 2017

Davina Sammut Hili
Sindku

M'Lourdes Lautier
Segretarju Eżekuttiv